# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Jannar, 2020**

**Rikors Numru : 324/2019 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**CM**

**U**

**KE**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CM u ta' KE, datat 9 ta' Lulju 2019 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti żżewġu hawn Malta fir-Reġistru Pubbliku, l-Belt Valletta, nhar is-sebgħa ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta (07/06/2003) u dana skont l-anness ċertifikat taż-żwieġ immarkat Dok A;*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal;*

3. *Illi r-rikorrenti sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, in atti tan-Nutar Dorianne Arapa datat disgħa u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (29/01/2019) liema kopja awtentikata tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dok B;*

4. *Illi llum il-ġurnata m'hemm l-ebda prospett li r-rikorrenti jirrikonċiljaw stante li ilhom għal min xahar ta' Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) separati de facto minn xulxin. In oltre, illum il-ġurnata għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u addirittura iffurmaw rabtiet oħrajn ma' persuni oħra/familji*

*ġodda;*

5. *Illi in oltre, ir-rikorrenti ma għandhom l-ebda pendenza rigward il-manteniment f'dan l-istadju stante li l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt ta' kwalunkwe manteniment reċiproku a favur ta' xulxin;*

6. *Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul. Għal dan il-għan, huma qegħdin jagħtu struzzjonijiet konġunti lill-avukat sottoskritt sabiex jirrappreżenta liż-żewġ partijiet, CM u KE, f'dawn il-proċeduri. In oltre, l-partijiet qegħdin jippreżentaw l-affidavit tagħhom u li huma mmarkati bħala Dok C u Dok D rispettivament;*

7. *Illi dawn il-fatti sopra ċitati jissodisfaw pienament il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-otteniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16, tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn il-partijiet, CM u KE, u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom fir-Reġistru Pubbliku, il-Belt Valletta, nhar is-sebgħa ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta (07/06/2003) maħlul ai termini tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u dan taħt kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Illi CM xehdet bl-affidavit (Dok C, fol 8), a fol 14, illi hija iżżewwġet lil KE fis-7 ta' Ġunju 2003 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Illi għal Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015), il-partijiet bdew jgħixu separatament. KE kien ikun imsiefer ħafna, u meta kien jirritorna d-dar kien ikun biss sabiex jieħu ħwejġu u jerġa jitlaq. Illi fid-29 ta' Jannar 2019, il-partijiet isseparaw formalment. Illi llum il-ġurnata, ma hemmx tama ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet peress li huma ilhom isseparati, mill-2015 u li t-tnejn bnew ħajjithom ma' persuni differenti. Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment peress li huma kienu irrinunzjaw b'mod reċiproku għalih.

Illi KE xehed permez ta' affidavit (Dok D, fol 9) u ikkonferma dak li xehdet CM.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta' Ġunju 2003 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa, datat 29 ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (vide Dok. B fol 4 et seqq.) pero kienu ilhom isseparati *de facto* minn Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015).

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**
**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**